**MINUTI**

GVERN LOKALI TA' XBIEX

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 – 2017

SEDUTA NRU 16

IL-ĦAMIS 24 TA' APRIL 2014 FIL-4.00 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| MAX ZAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| PAUL J. PACE | AGENT SEGRETARJU EZEKUTTIV |
| DERREN AGIUS | ACCOUNTANT |

**TALBA**

IS-SINDKU QAL IT-TALBA

## 1 LAQGĦA TAL-KUNSILL IMSEJĦA B'URĠENZA SABIEX JIĠU APPROVATI L-*AUDIT FINANCIAL STATEMENT* 2013

Is-Sindku is-Sur Max Zammit qal li skond il-proċedura Finanzjarja l-Kunsill għandu japprova l-*Audit Financial Accounts* 2013 qabel l-aħħar ta' xaħar ta' April 2014.

Għaldaqstant huwa qal li f'din il laqgħa hawn prezenti l-*Accountant* ta' Kunsill is-Sur Derren Agius sabiex flimkien ma' l-Agent Seretarju Ezekuttiv ikunu jistgħu jispjegaw dawn il-Financial Audit Accounts.

L-Agent Segretarju Ezekuttiv qassam kopja tal-*Financial Audit Acounts* lil kull Kunsillier, li kienu ġew awditjati mill-Awdituri tal-Kunsill li huma Grant Thorton.

L-Agent Segretarju is-Sur Paul Pace wara diversi mistoqsijiet minn Kunsilliera kollha huwa ta' spjegazzjoni fid-dettal ta' interpretazzjoni tal-figuri attwali.

l-Agent Segretarju Ezekutiv is-Sur Paul Pace qal li l-*format* ta' kif għandhom jitnizzlu l-figuri huwa *format* skond lis-standard maħruġa mill- *Accountancy Board*..

l-Agent Segretarju Ezekuttiv qal li għal din is-sena l-Kunsill kien spiċċa b'*surplus* ta' 24,862 Euro, huwa qal ukoll li għalkemm din is-sena naqqas is-*surplus* minn snin ta' qabel, dan il-fatt kien ġie primarjament min zewġ fatturi.

1. Il-Kunsill kellu jalloka 15,722 Euro bħala *provision for doubtful debts.*

2. Għal fatt li l-*income* mill-*LES Enforcment System* kien naqqas, madwar 50,000 Euro. Dan il-fatt li *LES Enforcment System* ġew strasferiti fir-Reġjuni u l-Kunsill kienu qiegħdin jirċievu biss 10% ta' pagamenti tat-*tickets* li jitħallsu ġewwa ta' kull Kunsill.

   Ġie nnutat li fejn jidħol l-infieq il-Kunsill wera prudenża kbira fejn ma għamel l-ebda infieq kapitali għajr għal progetti kapitali li kien ingħata' *grant* għalijhom, fil-fatt l-ispiza ta' other *repairs & upkeep* naqqset madwar 8,000 Euro peress li l-Kunsill sabiex jifranka il-flus, ħafna mix-xogħolijiet ta' *maintenance* saru bil-ħaddiema li kienu *seconded* mal-Kunsill.

Wara din l-ispjegazzjoni is-Sindku is-Sur Max Zammit irrakomanda sabiex dawn l-*Audit Financial Accounts* 2013 jiġu approvati.

Il-Kunsill qabel uninament ma' dawn il-*Audit Financial Accounts* fejn wara dawn ġew iffirmati mis-Sindku is-Sur Max Zammit u mill-Agent Segretarju Ezekuttiv is-Sur Paul Pace.

Għaldaqstant ġew iffermati 7 kopji li se jintbgħatu lill-Audituri tal-Kunsill *Grant Thorton* ħalli huma jibgħatuhom lil kull entita Governattiva meħtieġa.

Il-Laqgħa spiċċat fil- 5.20 ta' wara nofs in-nhar.

Max Żammit
Sindku

Paul J Pace DIP.B.A(Bus Mangt),M.B.A
Aġent Segretarju Eżekuttiv